DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Mejju 2009

li temenda, għall-għan tal-addattament għall-progress tekniku, l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq u l-użu taż-żjut tal-lampi u l-fluwidi tal-lajter tal-grill

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 4020)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/424/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikoluży [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 2a tagħha,

Billi:

(1) Mill-1 ta' Lulju 2000, id-Direttiva 76/769/KEE tillimita l-bejgħ lill-konsumaturi ta' żjut ikkuluriti u b'riħa li jippreżentaw periklu tat-teħid man-nifs għall-użu f'lampi għat-tiżjin u ttikkettjati bil-frażi ta' riskju R65.

(2) Minkejja li d-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 1967 rigward l-approssimazzjoni tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi perikoluży (67/548/KEE) [2] u d-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 1999 li tirrigwarda l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikettjar tal-preparazzjonijiet perikoluży [3] jistipulaw li l-kontejner tal-fluwidi tal-lajter tal-grill u ż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'R65, għandu jkollhom qafla reżistenti għat-tfal, l-inċidenti xorta jseħħu billi l-kontejners jew ma jkunux magħluqa sew, jew is-sustanza kienet trasferita mill-kontejners l-oriġinali l-kbar għal kontejners iżgħar mingħajr qafla reżistenti għat-tfal.

(3) Skont id-dejta mogħtija mill-awtoritajiet nazzjonali, jidher li ż-żjut tal-lampi u l-fluwidi tal-lajter tal-grill mingħajr riħa u lewn, ittikkettjati R65, huma ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem u b'mod partikolari għas-saħħa tat-tfal iż-żgħar, meta jinbelgħu, u jikkawżaw diffikultajiet fin-nifs u problemi fil-pajp tan-nifs.

(4) Għalhekk jinħtieġ li jissaħħu d-dispożizzjonijiet attwali fuq iż-żjut tal-lampi użati fil-lampi għat-tiżjin u li jiġi żgurat li s-sustanzi u t-taħlitiet mibjugħa bħala fluwidi tal-lajter tal-grill maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali jkunu ttikkettjati kif xieraq.

(5) Sabiex jixxejjen ir-riskju li dawn il-prodotti jinbelgħu bi żball minn tfal żgħar, għandhom jiddaħħlu rekwiżiti tal-imballaġġ sabiex iż-żjut tal-lampi u l-fluwidi tal-lajter tal-grill jiġbdu inqas jew iqajmu inqas il-kurżità tat-tfal u jiġi evitat li dawn il-prodotti jiġu mistħajla bħala xarbiet. Id-daqs tal-kontejner għandu jiġi limitat biex jixxejnu l-inċidenti marbuta mat-trasferiment mill-kontejners oriġinali għal kontejners iżgħar mingħajr qafla reżistenti għat-tfal jew l-ittikkettjar xieraq.

(6) F'Settembru 2002, ġew adottati standards Ewropej għad-disinn ta' lampi għat-tiżjin siguri sabiex tixxejjen il-possibbiltà li tfal żgħar ikollhom aċċess għaż-żjut użati f'lampi taż-żejt għat-tiżjin (EN 14059). Dan l-istandard jipprovdi preżunzjoni ta' konformità mad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti [4]. Il-ħarsien tal-konsumatur għandu jissaħħaħ b'talba ta' konformità ma' dan l-istandard.

(7) Ir-restrizzjonijiet tat-tqegħid fis-suq u l-użu stipulati minn din id-Deċiżjoni jqisu l-qagħda attwali ta' tagħrif rigward alternattivi aktar sikuri. L-Istati Membri għandhom kull tant żmien jirrappurtaw lill-Kummissjoni dwar l-iżvilupp tal-alternattivi sabiex iħaffu verifika mill-Aġenzija Ewropea tal-Kimika. Fuq il-bażi tal-effettività tal-miżuri proposti biex titħares is-sikurezza, l-aġenzija għandha tevalwa jekk hux meħtieġ li jiġu adottati l-miżuri supplimentari u jiġi pprojbit l-użu ta' fluwidi tal-lajter tal-grill jew pitrolju għal-lampi għat-tiżjin. Għal dan il-għan, l-Aġenzija għandha tqis ir-rekwiżiti tal-Anness XV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) [5].

(8) Id-Direttiva 2008/112/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li temenda d-Direttivi

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.
[2] ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.
[3] ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.
[4] ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.
[5] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, kif ikkoreġut bil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3.

tal-Kunsill 76/768/KEE, 88/378/KEE, 1999/13/KE u d-Direttivi 2000/53/KE, 2002/96/KE u 2004/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sabiex tadattahom għar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet [1], timponi obbligi fuq il-manifatturi ta' sustanzi perikoluż mqiegħda fuq is-suq Komunitarju sal-1 ta' Diċembru 2010. Sabiex titħaffef l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet supplimentari għat-tikkettjar u l-imballaġġ inklużi f'din id-Deċiżjoni, għandha tiġi imposta l-istess data lil dawk li jqiegħdu ż-żjut tal-lampi u l-lajter tal-grill fuq is-suq Komunitarju. Barra minn hekk, għandha tiġi użata l-fraża ta' riskju l-ġdid (H304) meħtieġa mid-Direttiva 2008/112/KE.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 iħassar u jissostitwixxi d-Direttiva 76/769/KEE b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009. L-Anness XVII ta' dan ir-Regolament jissostitwixxi l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE. Kwalunkwe emenda għar-restrizzjonijiet adottata skont id-Direttiva 76/769/KEE għandha tiġi inkorporata fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

(10) Id-Direttiva 76/769/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-addattament għall-progress tekniku tad-Direttivi għat-tneħħija tal-barrieri tekniċi għall-kummerċ f'sustanzi u preparazzjonijiet perikoluż,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE huwa emendat b'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2009.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi President

[1] ĠU L 345, 23.12.2008, p. 68.

ANNESS

Il-Punt 3 tal-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE qed jinbidel b'dan li ġej:

"3. Is-sustanzi jew taħlitiet likwidi, meqjusin bħala perikoluži skont id-definizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE (*) u d-Direttiva 1999/45/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**).	1. Ma għandhomx jintużaw fi: — oġġetti ornamentali, maħsuba biex jipproduċu d-dawl jew effetti tal-kulur permezz ta' fażijiet differenti, pereżempju f'bozoz għat-tiżjin u axtrejs, — bużullotti u ċajt, — logħob għal parteċipant wieħed jew aktar, jew kull oġġett maħsub li jintuża bħala tali, anke b'aspetti għat-tiżjin. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk dawn ikollhom aġent tal-kulur, sakemm jinħtieġ għal finijiet fiskali jew bħala fwieħa jew għat-tnejn u jekk dawn: — jistgħu jintużaw bħala pitrolju f'lampi dekorattivi għall-forniment tal-pubbliku ġenerali, u — jippreżentaw periklu ta' teħid man-nifs u jkollhom it-tikketta R65 jew H304. 4. Lampi taż-żejt dekorattivi għall-forniment tal-pubbliku ġenerali ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-Istandard Ewropew dwar il-lampi taż-żejt Dekorattivi (EN 14059) adottat mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN). 5. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet perikoluži, min iforni għandu jiżgura, qabel it-tqegħid fis-suq, li dawn ir-rekwiżiti huma ssodisfatti: (a) iż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma viżibbli, jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx kif ġej: ''Żomm il-lampi mimlijin b'dan il-likwidu 'l bogħod mit-tfal'; u, sal-1 ta' Diċembru 2010,'Belgħa biss miż-żejt tal-lampa – jew inkella jekk issoff il-ftila tal-lampi – jista' jikkawża ħsara tal-ħajja għall-pulmun'; (b) il-fluwidi tal-lajter tal-grill, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma viżibbli, jinqraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx sal-1 ta' Diċembru 2010 kif ġej: 'Belgħa biss mil-lajter tal-grill jista' jwassal għal ħsara ta' theddid għall-ħajja tal-pulmun'; (c) iż-żjut tal-lampi, ittikkettjati b'R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali huma ppakkjati f'kontejners suwed opaki li ma jaqbżux il-litru sal-1 ta' Diċembru 2010: 6. Mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni talbet lill-Aġenzija Ewropea tal-Kimika biex thejji fajl, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsull (***) (REACH), fid-dawl ta' projbizzjoni, jekk xieraq, tal-fluwidi tal-lajter tal-grill u pitrolju għal-lampi dekorattivi, ittikkettjati R65 jew H304, maħsuba għall-forniment tal-pubbliku ġenerali. 7. Il-persuni naturali u legali li jqiegħdu għall-ewwel darba fis-suq żjut tal-lampi jew fluwidi tal-lajter tal-grill, ittikkettjati R65 jew H304, għandhom sal-1 ta' Diċembru 2011, u kull sena wara dan, jipprovdu dejta dwar l-alternattivi għaż-żjut tal-lampi u fluwidi tal-lajter tal-grill ittikkettjati R65 jew H304 lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru kkonċernat. L-Istati Membri għandhom jagħmlu din id-dejta disponibbli għall-Kummissjoni.

(*) ĠU 196, 16.8.1967, p. 1.
(**) ĠU L 200, 30.7.1999, p. 1.
(***) ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, kif ikkoreġut bil-ĠU L 136, 29.5.2007, p. 3."